

Brussell, 1 ta' Diċembru 2017
(OR. en)

15299/17

ESPACE 60
COMPET 846
RECH 402
IND 358
TRANS 535
MI 912
ENER 493
ENV 1026
CSC 284
TELECOM 332

EŻITU TAL-PROĊEDIMENTI

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
fi:	1 ta' Diċembru 2017
lil:	Delegazzjonijiet
Nru. dok. preċ.:	14468/17
Suġġett:	L-Evalwazzjoni ta' Nofs it-term tal-Programm Copernicus - Konklużjonijiet tal-Kunsill (adottati fl-1/12/2017)

Id-delegazzjonijiet isibu fl-Anness il-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar "L-Evalwazzjoni ta' Nofs it-term tal-Programm Copernicus", kif adottati mill-Kunsill fit-3580 laqgħa tiegħu fl-1 ta' Diċembru 2017.

KONKLUŻJONIJIET TAL-KUNSILL DWAR**"L-Evalwazzjoni ta' Nofs it-term tal-Programm Copernicus"****IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA****WAQT LI JFAKKAR:**

- It-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE)¹ li jistabbilixxi kompetenza kondiviża tal-UE fil-qasam tal-Ispazju;
- Il-Ftehim Qafas bejn l-Unjoni Ewropea u l-Aġenzija Spazjali Ewropea (ESA)²;
- Il-Konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew ta' Ottubru 2017 li jenfasizzaw l-importanza ta' bini b'suċċess tal-Ewropa Digitali³;
- Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni Ewropea dwar Strateġija Spazjali għall-Ewropa⁴ u d-Dikjarazzjoni konġunta dwar Viżjoni u Għanijiet Komuni għall-futur tal-Ewropa fl-Ispazju⁵, iffirmata fis-26 ta' Ottubru 2016 mill-Kummissjoni f'isem l-UE u mill-ESA;

¹ B'mod partikolari l-Artikoli 4 u 189

² ĠU L 261 tas-6.8.2004, p. 64.

³ dok. EUCO 14/17

⁴ dok. 13758/16

⁵ dok. 12808/1/16 REV 1

- Il-Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar "Il-Politika Industrijali Spazjali tal-UE - Ir-rilaxx tal-potenzjal għat-tkabbir ekonomiku fis-settur spazjali" ta' Mejju 2013⁶, dwar "Insejsu r-rinaxximent Ewropew tal-ispazju: direzzjonijiet u sfidi futuri" ta' Diċembru 2014⁷, dwar "L-Istrateġija Globali għall-Politika Estera u ta' Sigurtà tal-UE" ta' Ottubru 2016⁸ u dwar "Strateġija Spazjali għall-Ewropa" ta' Mejju 2017⁹;
- Ir-Regolament (UE) Nru 377/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-3 ta' April 2014 li jstabbilixxi l-Programm Copernicus u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 911/2010 u b'mod partikolari l-Artikolu 302 tiegħu¹⁰.

Introduzzjoni

1. JILQA' r-Rapport mill-Kummissjoni dwar "Evalwazzjoni ta' Nofs it-terminu tal-programm Copernicus", JIRRIKONNOXXI l-progress sinifikanti miksub fl-implimentazzjoni tal-programm sa mill-2014 li b'riżultat tiegħu Copernicus sar eżempju eċċellenti tal-kooperazzjoni Ewropea u l-aktar programm komprensiv dwar l-Osservazzjoni tad-Dinja (EO) ta' valur globali, li jikkontribwixxi biex jiġu indirizzati sfidi ta' natura globali u JIKKONFERMA MILL-ĠDID l-oġettivi attwali ta' Copernicus.
2. JENFASIZZA li Copernicus għandu rwol ewlieni biex jiżgura l-aċċess indipendenti tal-Ewropa għal informazzjoni ġeospazjali strateġika li tappoġġa ħafna politiki tal-UE, nazzjonali u reġjonali u JINNOTA li l-awtoritajiet pubbliċi fl-Ewropa kif ukoll globalment qegħdin dejjem aktar jintegraw l-informazzjoni ta' Copernicus fis-servizzi u fil-proċessi ta' teħid ta' deċiżjonijiet tagħhom.
3. JISSOTTOLINJA l-importanza fundamentali li tiżviluppa aktar infrastruttura ta' Copernicus effettiva, integrata sew u sikura, inkluż segmenti tal-ispazju u tal-art, u s-servizzi, li jiżguraw il-kontinwità u l-evoluzzjoni futura tagħhom, filwaqt li jkunu involuti mill-qrib mal-utenti ta' Copernicus biex jifhmu l-ħtiġijiet u l-prijoritajiet tagħhom, mingħajr preġudizzju għall-QFP li jmiss.

⁶ dok. 10295/13

⁷ dok. 16502/14

⁸ dok. 13202/16

⁹ dok. 9817/17

¹⁰ ĠU L 122, 24.4.2014, pp. 44- 66

4. JENFASIZZA l-ħtieġa li tiġi provduta prevedibbiltà fuq terminu twil u ċertezza fl-ippjanar għall-partijiet ikkonċernati kollha involuti f'Copernicus, u GĦANDU L-GĦAN li jiżgura l-finanzjament xieraq għall-manutenzjoni u l-evoluzzjoni tal-komponenti tal-programm kollha, mingħajr preġudizzju għall-QFP li jmiss.
5. JILQA' l-approċċ ippreżentat fir-rapport tal-Kummissjoni li jsegwi l-katina tal-valur tad-data ta' Copernicus: minn għir u pproċessar ta' data għal distribuzzjoni ta' data u informazzjoni, għal attivitajiet ta' dħul fis-suq u tal-utent, u JISTIENEN lill-Kummissjoni biex tibni fuq tali approċċ meta jitfassal il-futur ta' Copernicus, filwaqt li tikkunsidra n-natura tal-programm mmexxija mill-utent u l-potenzjal għal sfruttament kummerċjali mmexxija mid-domanda mill-SMEs fil-punti kollha tal-katina ta' valur.

Ksib ta' data

6. JISSOTTOLINJA li l-volum, il-konsistenza, il-kontinwità, l-affidabilità, il-ġestjoni u l-kwalità tad-data u l-informazzjoni, mogħtija permezz ta' politika ta' data mingħajr ħlas, sħiħa u miftuħa, huma elementi ta' suċċess kbir tal-implimentazzjoni ta' Copernicus, u JENFASIZZA l-ħtieġa li tkun garantita fit-tul u b'mod sikur il-kontinwità ta' provvista tad-data mingħajr ħlas, sħiħa u miftuħa.
7. JIRRIKONOXXI l-progress li sar fl-iżvilupp tal-infrastruttura spazjali ta' Copernicus u JAPPELLA lill-Kummissjoni u l-ESA għat-tkomplija u t-tnedija fil-ħin tas-satelliti Sentinel li fadal, li bħala prijorità jiddependu fuq lanċjaturi Ewropej; JIRRIKONOXXI li l-infrastruttura spazjali ta' Copernicus kienet qed tappoġġa l-oġġettivi tal-utenti u s-servizzi ta' Copernicus u JENFASIZZA l-importanza tal-forniment kontinwu ta' infrastruttura spazjali effettiva u sostenibbli li tagħti data preċiża, affidabbli u ta' kwalità għolja.
8. JISSOTTOLINJA li l-evoluzzjoni tas-sistema, inkluż missjonijiet ta' Sentinel attwali u futuri flimkien ma' data minn missjonijiet kontribwenti u data in situ, għandha tiegħu kont tal-aspetti li ġejjin: ix-xejriet reċenti, ir-riċerka, l-avvanzi teknoloġiċi u innovazzjonijiet li għandhom impatt fid-dominju tal-EO, inkluż il-perspettiva tal-"Ispazju Ġdid"; il-ħtiġijiet u s-servizzi tal-utent li qed jevolvu; L-investimenti u l-kontribuzzjonijiet tal-Istati Membri fid-dominju tal-EO; l-isfidi l-ġodda li qed tiffaċċa l-Unjoni, inkluż iżda mhux limitati għat-tibdil fil-klima, l-iżvilupp sostenibbli u s-sigurtà.

9. JIRRIKONOXXI l-importanza ta' ingranaġġ u vantaġġ massimu tal-assi spazjali fl-Istati Membri, l-ESA, l-EUMETSAT u Entitajiet Fdati oħrajn¹¹ u l-industrija, inkluż missjonijiet kontribwenti u kapaċità ta' monitoraġġ in situ, u JAPPELLA lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri biex jesploraw mudelli ġodda operazzjonali u ta' negozju sabiex ikomplu jikkomplementaw il-kapaċitajiet ta' Copernicus u jsaħħu d-disponibbiltà tas-sorsi ta' data meħtieġa biex jissodisfaw il-ħtiġijiet emerġenti tal-utenti.

L-ipproċessar ta' data u informazzjoni

10. JIRRIKONOXXI l-importanza li tiġi żgurata s-sostenibbiltà fit-tul u l-iżvilupp ulterjuri tas-servizzi ta' Copernicus fil-qalba tal-programm sabiex jiġu sodisfatti l-ħtiġijiet tas-settur pubbliku u dawk li jirriżultaw mill-impenji internazzjonali tal-Ewropa, u biex jiġu massimizzati l-opportunitajiet għal sfruttament kummerċjali.
11. JAPPELLA lill-Kummissjoni u lill-Entitajiet Fdati tagħha biex jinvolvu ruħhom mill-qrib ma' komunitajiet tal-utenti differenti madwar l-Ewropa fl-iżvilupp ulterjuri tal-portafoll tas-servizzi u l-prodotti ta' Copernicus biex jiġi żgurat li l-ħtiġijiet li qed jevolvu tas-settur pubbliku u l-politika jiġu sodisfatti u għalhekk l-użu ta' data tal-EO jista' jkun massimizzat.
12. JAPPELLA lill-Kummissjoni biex teżamina s-sinerġiji possibbli bejn Copernicus u programmi oħra tal-UE, sabiex jinfirx l-użu ta' data u servizzi ta' Copernicus u biex tagħti spinta lid-domanda għal applikazzjonijiet u servizzi kummerċjali, fil-każ ta' applikazzjonijiet integrati speċjalment ma' Galileo u EGNOS.

¹¹ Entitajiet Fdati kif imsemmi fl-Artikolu 11 tar-Regolament Nru 377/2014 (ĠU L 122, 24.04.2014, p. 56)

Aċċess u distribuzzjoni tad-data

13. JISSOTTOLINJA li l-ħtiġijiet tal-utenti qed jevolvu, jitolbu għal aċċess fuq skala kbira u faċli għall-utent, l-ipproċessar u l-isfruttament tad-data u l-informazzjoni ta' Copernicus, f'diversi livelli ta' tempesitività; JIRRIKONOXXI l-limitazzjonijiet tal-infrastruttura ta' data u informazzjoni attwali u JENFASIZZA l-ħtieġa għal approċċ ġdid, aktar integrat, kemm fil-livell tal-UE kif ukoll fil-livell tal-Istati Membri, biex jiġi żgurat aċċess rapidu u faċli għal data u informazzjoni ta' Copernicus u li jippermettu l-integrazzjoni tagħha ma' sorsi oħra ta' data u informazzjoni; f'dan il-kuntest, IĦEĠĠEĠ lill-Kummissjoni, f'konsultazzjoni mill-qrib mal-Istati Membri, biex issegwi l-evoluzzjoni tal-programm li jissodisfa ħtiġijiet bħal dawn.
14. JISSOTTOLINJA l-ħtieġa li tiġi stabbilita ekosistema tad-data tal-EO komprensiva fl-Ewropa sabiex tittejjeb l-offerta tad-data minn firxa wiesgħa ta' assi Ewropej u tiġi prevista sistema għall-ġestjoni tad-data globalment kompetittiva. F'dan il-kuntest, JAPPOĠĠA l-inizjattiva tal-Kummissjoni biex timplimenta Servizzi ta' Aċċess għad-Data u l-Informazzjoni (DIAS) ta' Copernicus biex jiġi żgurat aċċess rapidu u effiċjenti għad-data u l-informazzjoni ta' Copernicus; JENFASIZZA l-ħtieġa li jiġu promossi d-DIAS fi ħdan l-Istati Membri u jiġu stabbiliti sinerġiji mal-assi tagħhom sabiex jiġi massimizzat u msaħħaħ id-dħul fis-suq ta' data u informazzjoni ta' Copernicus; JIPPREVEDI LI D-DIAS jikkostitwixxu wieħed mill-punti ewlenin ta' referenza għal komunitajiet u utenti mhux spazjali, b'mod partikolari l-SMEs.

Adozzjoni mill-utenti

15. ITENNI li l-evoluzzjoni futura ta' Copernicus għandha tkun ibbażata fuq il-ħtiġijiet li qed jevolvu tal-utenti, partikolarment dawk tal-utenti istituzzjonali ewlenin, u li Copernicus għandu jkompli jżomm il-prinċipju li huwa programm immexxi mill-utent fil-qalba tiegħu. JIRRIKONOXXI l-ħolqien ta' komunitajiet tal-utenti ġodda ta' sfond mhux spazjali, li jitolbu aċċess għad-data, informazzjoni u prodotti fil-ħin u b'mod faċli għall-utent;
16. JINNOTA li s-sempliċi disponibbiltà ta' data mhijiex biżżejjed biex timmassimizza l-impatt soċjo-ekonomiku maħsub; għalhekk JIKKUNSIDRA bħala importanza kritika li l-Istati Membri u l-Kummissjoni jieħdu approċċ aktar b'saħħtu biex jistimulaw id-domanda mill-amministrazzjonijiet pubbliċi għad-data u s-servizzi ta' Copernicus, bħala l-utenti prinċipali, u mis-settur privat, b'mod partikolari l-SMEs. F'dan il-kuntest, JISTIEDEN lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri biex jistabbilixxu rabtiet aktar mill-qrib bejn Copernicus u l-UE u l-politiki nazzjonali sabiex jagħtu spinta lid-domanda għal applikazzjonijiet u servizzi kummerċjali u biex jippermettu lill-impriżi, b'mod partikolari l-SMEs u n-negozji ġodda, biex jiżviluppaw applikazzjonijiet ibbażati fuq id-data u l-informazzjoni ta' Copernicus bl-għan li tiġi żviluppata ekosistema tad-data tal-EO globalment kompetittiva fl-Ewropa.
17. JISTIEDEN lill-Kummissjoni biex ittejjeb il-koerenza bejn il-programm qafas ta' riċerka tal-UE u l-programmi spazjali tal-UE, b'mod partikolari għall-iżvilupp ta' servizzi ewlenin kif ukoll applikazzjonijiet u servizzi downstream.

18. ITENNI l-importanza tal-bini tal-kapaċità mmirata u miżuri ta' sensibilizzazzjoni mill-Istati Membri u l-Kummissjoni, inkluż iżda mhux limitat għall-Ftehim Qafas ta' Parteċipazzjoni (FPA) ġdid¹², biex tiżdied il-kapaċità tal-Istati Membri kollha biex jibbenefikaw b'mod sħiħ mill-opportunitajiet maħluqa minn Copernicus u jstimulaw settur downstream kompetittiv, inkluż l-awtoritajiet pubbliċi, il-komunità tar-riċerka u l-atturi privati.

Konklużjonijiet

19. JENFASIZZA li l-implimentazzjoni effettiva ta' politika ta' data mingħajr ħlas, sħiħa u miftuħa ta' Copernicus kienet strumentali fit-twettiq ta' domanda qawwija għad-data u l-informazzjoni tiegħu u wasslet lil Copernicus isir wieħed mill-akbar fornituri tad-data tal-EO fid-dinja. F'dan il-kuntest, JISTIEDEN lill-Kummissjoni tesplora modi biex tiżgura li l-atturi Ewropej jistgħu jibbenefikaw kemm jista' jkun mill-investimenti Ewropej f'Copernicus, mingħajr ma jkun hemm ksur tal-politika ta' data mingħajr ħlas, sħiħa u miftuħa; JISTIEDEN lill-Kummissjoni biex tanalizza l-impatti tal-implimentazzjoni tal-politika ta' data mingħajr ħlas, sħiħa u miftuħa.
20. JENFASIZZA li t-tfassil u l-implimentazzjoni tal-ġenerazzjoni li jmiss tal-infrastruttura u s-servizzi ta' Copernicus għandhom jiġu indirizzati fil-ħin u b'mod xieraq, f'kollaborazzjoni mill-qrib mal-Istati Membri, l-ESA, l-EUMETSAT u l-Entitajiet Fdati oħra.
21. JISSOTTOLINJA li l-iżblukkar tal-potenzjal soċjoekonomiku ta' Copernicus jibqa' waħda mill-isfidi ewlenin għall-Istati Membri u l-Kummissjoni u prijetà għas-snin li ġejjin.
22. JENFASIZZA l-ħtieġa għal komunikazzjoni usa' u attivitajiet ta' sensibilizzazzjoni dwar il-programm Copernicus għal utenti mhux Spazjali, kemm fil-livell nazzjonali kif ukoll f'dak internazzjonali, b'enfasi fuq is-suċċessi tiegħu u l-benefiċċji potenzjali.
23. ITENNI li l-kontinwità tal-infrastruttura ta' Copernicus u s-sostenibbiltà tas-servizzi, id-data u l-informazzjoni, ikkumplimentati b'mod integrat sew ma' sorsi oħra ta' data u informazzjoni, jibqgħu kritiċi għas-suċċess fit-tul tal-programm u għas-sostenn ta' ekosistema emerġenti tad-data tal-EO fl-Ewropa.

¹² Mekkaniżmu ta' kooperazzjoni fit-tul bejn il-Kummissjoni u entitajiet fl-Istati Membri biex jippromwovu u jikkofinanzjaw l-iżvilupp u l-użu ta' servizzi u applikazzjonijiet bbażati fuq l-EO

24. JISSOTTOLINJA l-importanza ta' Copernicus għall-forniment ta' servizzi pubbliċi; JAPPELLA lill-Kummissjoni biex tevalwa kif il-finanzjament xieraq kif ukoll inċentivi għall-involvement tas-settur privat jistgħu jippreservaw u jiżviluppaw aktar il-valur miżjud Ewropew tal-programm ta' Copernicus; IĦEĠĠEĠ lill-Kummissjoni, l-Istati Membri u l-atturi l-oħra involuti biex jespjoraw mudelli ġodda ta' sħubija u modi innovattivi ta' finanzjament, pereżempju użu aktar intelliġenti tal-kapaċità tal-akkwist tal-awtoritajiet pubbliċi għall-ħolqien ta' swieq ta' skala għall-applikazzjonijiet.
25. JIRRIKONOXXI li l-isfidi globali jeħtieġu sforzi globali; għalhekk, JENFASIZZA l-importanza ta' involviment ma' sħab internazzjonali ewlenin fl-akkomunament ta' kapaċitajiet biex jiġu indirizzati dawn l-isfidi b'mod ikkoordinat; JENFASIZZA r-rwol kruċjali ta' Copernicus li jappoġġa l-impenn tal-Ewropa biex jiġu indirizzati l-isfidi globali filwaqt li jaħtaf l-opportunità unika biex isir mexxej fis-suq tal-EO li qed jikber b'ritmu mgħaġġel, b'hekk tipprovdi f'dak il-kuntest għodda effettiva biex tippermetti kooperazzjoni mal-pajjiżi mhux tal-UE.
26. JAPPELLA lill-Kummissjoni biex tħejji għall-evoluzzjoni u biex tipprovdi viżjoni fit-tul għall-futur tal-programm ta' Copernicus, f'kooperazzjoni mill-qrib mal-Istati Membri, l-ESA u l-Entitajiet Fdati, sabiex tipprevedi l-kontinwità, il-viżibbiltà mtejbja u l-prevedibbiltà għall-atturi kollha involuti f'Copernicus, u b'hekk ikunu jistgħu jikkontribwixxu għall-ħolqien ta' klima ta' investiment pożittiva u prevedibbli kemm fis-setturi upstream u downstream; JENFASIZZA l-hteġa għal djalogu strutturat mal-partijiet ikkonċernati industrijali u s-soċjetà ċivili biex tingħata aktar viżibbiltà dwar l-evoluzzjoni tal-programm.
27. JILQA' l-implimentazzjoni b'suċċess tal-istruttura eżistenti tal-governanza, imsejsa fuq sħubija ta' suċċess mal-Istati Membri, l-ESA u l-Entitajiet Fdati; JISTIEDEN lill-Kummissjoni biex tesplora s-sinerġiji operazzjonali potenzjali ma' programmi u politiki oħra tal-UE, fejn xieraq.
28. JIRRIKONOXXI l-hteġa li tiġi żviluppata d-dimensjoni tas-sigurtà ċivili ta' Copernicus sabiex jirrispondi għal ħtiġijiet tal-utent li qed jevolvu u JENFASIZZA li Copernicus għandu jibqa' programm ċivili mmexxi mill-utent taħt il-governanza u l-kontroll ċivili.